# PRIM' AWLA TAL-Q O R T I Ċ I V I L I

## ONOR. IMĦALLEF

## ROBERT G. MANGION

**Illum 10 ta' Diċembru 2018**

Rikors nru.756/2018 RGM

Kawza fil-lista : 2

**L-Avukat Dottor Lorna Mifsud Cachia fil-kwalita tagħha ta' mandatarja speċjali tas-soċjeta' estera Albany Trustee Company Limited fil-kapaċita' tagħha ta' fiduċjarja ("trustee") ta' Monte Bre Settlement**

**Vs**

**Ariadne Capital Group Limited (C76955)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attriċi nomine fis-17 ta' Lulju 2018 li permezz tiegħu ippremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi fit-28 ta' Novembru tas-sena 2017, is-soċjeta rikorrenti Albany Trustee Company Limited fil-kapaċita' tagħha ta' fiduċjarja ta' Monte Bre Settlement ittrasferit ħamsin elf ewro (€50,000) lis-soċjeta' intimata Ariadne Capital Group Limited permezz ta' tranżazzjoni bankarja mal-bank ta' Lloyds Bank, kif jirriżulta minn **Dok A,** liema trasferiment ta' fondi sar mis-soċjeta' Albany Trustee Company Limited għamlitha bl-intenzjoni illi - li jkun hemm ħruġ u

reġistrazzjoni ta’ disgħa mija u sittin (960) ordinary B shares u tlett elef, tmien mija u erbgħin (3840) ordinary C shares fl-ishma kapitali tas-soċjeta intimata Ariadne Capital Group Limited (C76955);

2. Illi r-rikorrent Peter Wakeham, li huwa l-Investment Analyst ta’ Albany Trustree Company Limited, ipparteċipa għan-nom tas-soċjeta Albany Trustee Company Limited fid-diskussjonijiet u korrispondenza mad-Direttriċi, il-financial controller u l-Manager tas-soċjeta’ intimata, u ċioe Julie Meyer, Steve Piper u Thomas Schildhammer rispettivament u l-imsemmija soċjeta’ rikorrenti ħadet id-deċiżjoni illi tinvesti l-imsemmija somma ta’ ħamsin elf Ewro (€50,000) wara assigurazzjoni minn dawn il-persuni f’isem is-soċjeta’ intimata;

3. Illi skont il-ftehim bejn il-kontendenti, is-soċjeta’ intimata kellha tapplika business plan li kien hemm ftehim fuqu miż-żewġ partijiet, liema pjan kien jinkudi wkoll il-pożizzjoni bħala direttur f’Ariadne Capital Group Limited. Dan il-ftehim kellu jiġi fis-seħħ hekk kif is-soċjeta rikorrenti tittrasferixxi u tinvesti l-flus. Filfatt, dan ma ġie qatt fis-seħħ kif ser jiġi spjegat aktar ‘l quddiem;

4. Illi minkejja illi s-somma fuq imsemmija ġiet debitament trasferita lil Ariadne Capital Group Limited, is-Subscription Agreement datat 1 ta’ Novembru 2017 (kopja ta’ liema hija hawn annessa u mmarkata bħala **Dok B**), liema dokument kien ġie ffirmat mis-soċjeta’ rikorrenti, is-soċjeta’ intimata naqset milli tiffirma dan l-istess Subscription Agreement u dana minkejja illi l-partijiet kienu mifthiema illi tali Subscription Agreement kellu jiġi ffirmat;

5. Illi l-partijiet ukoll kienu mifthiema illi malli s-soċjeta’ rikorrenti titrasferixxi s-somma ta’ ħamsin elf fil-kont bankarju tas-soċjeta’ intimata, l-istess soċjeta’ intimata kellha talloka u toħroġ l-ishma f’isem is-soċjeta’ rikorrent, pero lanqas dan ma seħħ;

6. Illi wara li sar il-ħlas effettiv, id-Direttriċi Julie Meyer tas-soċjeta’ intimata ppreżenta lir-rikorrent Peter Wakeham dokumenti ġodda li l-istess imsemmi rikorrent Wakeham kien għad qatt ma ra l-kontenut tagħhom, liema dokumenti tahomlu sabiex jikkonsidra l-pożizzjoni bħala Direttur tas-soċjeta’ intimata a bażi tal-istess dokumenti. Madanakollu, il-kontenut ta’ dawn id-dokumenti ma kienx jirrifletti l-offerta kif kienet ippreżentata lir-rikorrent inizzjalment mis-soċjeta’ intimata, anzi, kienet assolutament differenti;

7. Illi minħabba r-raġunijiet fuq premessi, ir-rikorrent Peter Wakeham ma kienx preżenti għal-laqgħa tal-bord tas-soċjeta’ intimata, u wkoll irrifjuta l-pożizzjoni bħala direttur mal-istess soċjeta’ u dana għaliex huwa ħassu li ġie mqarraq b’mod frawdolenti fuq il-vera stat tas-soċjeta’ intimata u minħabba dan huwa ma kienx lest illi jaċċetta l-kundizzjonijiet ġodda illi ġew magħrufa minnu biss wara li kien diġa sar l-imsemmi trasferiment bankarji ta’ €50,000.

8. Inoltre, qatt ma kien hemm kunsens minn naħa tar-rikorrenti nomine tant illi li kieku l-kundizzjonijiet mibdula kienu hekk inizzjalment, it-trasferiment bankarju ma kien jiġi qatt fis-seħħ;

9. Illi b'riżultat ta' dak fuq premess, ir-rikorrenti nomine talbet lill-intimati jrritornaw lura l-ammont kollu ta' €50,000 u minkejja diversi interpellazzjonijiet, is-soċjeta' intimata baqgħet inadapjenti sal-ġurnata preżenti u s-somma hekk trasferita għadha ma ġietx ritornata lura lis-soċjeta' rikorrenti.

10. Illi s-soċjeta' intimata m'għandha l-ebda difiża x' tagħti għat-talbiet miġjuba quddiem din l-Onorabbli Qorti u dana stante illi l-istess soċjeta' intimata taf illi t-trasferiment bankarju sar għal skop partikolari (kif suespost) u l-istess soċjeta' intimata ma qdietx l-istess skop illi għalih sar l-istess pagament ta' ħamsin elf Ewro (€50,000) u kwindi l-istess ammont għandu jiġi rifuż lis-soċjeta' rikorrenti.

Għaldaqstant u in vista tas-suespost, ir-rikorrenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ a tenur tal-Artikolu 167 et seq. Tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara illi s-soċjeta' intimata hija debitriċi tar-rikorrenti nomine jew min minnhom fl-ammont ta' ħamsin elf ewro (€50,000);

3. Tikkundanna lis-soċjeta' intimata sabiex tħallas lir-rikorrenti nomine jew min minnhom s-somma fl-ammont ta' ħamsin elf (€50,000) bl-imgħaxijiet legali dekorrabbli mill-preżentata tal-preżenti sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż, kompriżi l-ispejjeż tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru ________________, kontra s-soċjeta' intimata illi minn issa stess hija u r-rappreżentanti tagħha qegħdin jiġu nġunti għas-subizzjoni.

Rat illi s-soċjeta' konvenuta ġiet notifikata bil-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni u ma ppreżentatx risposta ġuramentata.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-29 ta' Novembru 2018 fejn nonostante li s-soċjeta' konvenuta kienet debitament notifikata sew bir-rikors ġuramentat kif ukoll bl-avvi' tas-smiegħ, ma deher ħadd sabiex jirrappreżentaha.

Semgħat it-testimonjanza ta' **Adam Skinner** prodott mill-attriċi nomine fl-udjenza tad-29 ta' Novembru 2018 li kkonferma dak dikjarat fir-rikors ġuramentat u ddikjara illi mid-data tal-preżentata tal-att promotur sal-jum li fih kien qed jixhed is-soċjeta' konvenuta ma effettwat l-ebda pagament.

Ezaminat il-provi dokumentarji prodotti mill-attriċi nomine.

Rat l-atti kollha.

Illi invista tal-fatt li waqt l-udjenza tad-29 ta' Novembru 2018 ma deher ħadd għas-soċjeta' konvenuta tqis li s-soċjeta' konvenuta ma għandha ebda eċċezzjonijiet xi tressaq.

Rat li l-kawża tħalliet għallum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Billi s-soċjeta' konvenuta baqgħet ma ġabet l-ebda raġuni sabiex topponi għat-talbiet attriċi u tenut kont ukoll li s-somma pretiża mill-attriċi nomine ġiet debitament irrikonfermata bil-ġurament ta' Adam Skinner, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tqis illi għandha tgħaddi biex tippronunzja ruħha dwar it-talbiet attriċi bid-dispensa tas-smigħ. Illi għaldaqstant din il-Qorti hi sodisfatta li s-socjetà attrici ppruvat il-każ tagħha skont il-liġi.

**DECIDE**.

Għaldaqtant għar-raġunijiet fuq premessi, din il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi din il-kawża bil-mod segwenti:-

1. Tilqa’ l-ewwel talba tal-attriċi nomine u taqta’ l-kawża bid-dispensa tas-smigħ u dan a tenur tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. Tiddikjara li s-soċjeta' konvenuta hija debitriċi tal-attriċi nomine fis-somma ta' ħamsin elf ewro (€50,000);

3. Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta sabiex tħallas lill-attriċi nomine s-somma imsemmija ta' €50,000 bl-imgħax legali dekorribbli mis-17 ta' Lulju 2018 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' konvenuta kompriżi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1147/18.

| | |
|---|---|
| **Onor. Robert G. Mangion** | **Lydia Ellul** |
| **Imhallef** | **Deputat Registratur** |